**23 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Anthony Tabone

*versus*

Salvatore Guillaumier *et noe*

## *Culpa Aquiliana* – Likwidazzjoni ta' Danni

*Il-Qorti fissret xi kriterji għandhom jitqiesu sabiex ikun illikwidat il-lucrum cessans.*

Il-Qorti: -

Rat l-atti taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li huwa kien jaħdem ma' l-atturi *nomine* bħala *labourer;* u premess li fit-23 ta' Diċembru 1981, waqt li l-attur kien qed jaħdem fil-fabbrika tal-konvenut *nomine,* ġie mqabbad biex jisprejja kimika minn *container* għal fuq panew; u premess li minħabba negliġenza, traskuraġni, imprudenza, nuqqas ta' ħila, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti *nomine* dan il-*container* sploda u weġġa' serjament lill-attur; u premess li minħabba dan l-inċident l-attur sofra danni;

L-istess attur talab li:

(1) jiġi ddikjarat li l-konvenuti *nomine* huma responsabbli ta' l-inċident fuq riferit tat-23 ta' Diċembru 1981;

(2) jiġu llikwidati d-danni li sofra l-attur jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;

(3) il-konvenut iħallas id-danni hekk illikwidati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi l-eċċipjenti m'humiex responsabbli għad-danni li sofra l-attur peress li dawn id-danni ma ġewx ikkaġunati minħabba negliġenza ta' l-eċċipjenti;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet li bih ġew innominati bħala Perit l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u jagħmel l-ossevazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsam mal-każ;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat il-Professur Victor G. *Griffiths biex jassisti lill-Perit Legali*;

Rat illi l-imsemmija periti ħalfu r-relazzjoni tagħhom debitament fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 1985;

Rat id-digriet li bih ġew innominati, fuq talba ta' l-attur, bħala periti addizzjonali l-Avuikat Dottor Joseph Ciappara, u l-esperti Medici Victor P. Amato u Charles J. Grixti;

Rat illi l-imsemmija periti ħalfu debitament ir-relazzjoni tagħhom fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 1987;

Eżaminat bir-reqqa l-verbali tas-seduti miżmuma, ir-relazzjoni ta' l-ewwel perit, kif ukoll ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lill-abili difensur tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-perit legali Dottor Joseph Micallef Stafrace, kif assistit mill-espert mediku l-Professur Victor Griffiths irrelata testwalment hekk:

"Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kellha tlesti, b'ċerta urġenza, biċċa xogħol li kienet tirrikjedi li 800 *panel* ta' l-*aluminium* jiġi *sprayed* fuqhom ċertu *foam* li wara jiġi lłivellat u mballat. Dan l-"*ispraying*" kien isir minn bottijiet b'beżżula wara li l-bott jiġi xxekjat bl-id u fl-id. Qabel jibda x-*shaking*, il-bott kien jintefa' f'misħun li ried ikun bejn 20° – 40°/50°;

F'temperatura inqas, *il-foam* ma joħroġx; f'temparatura ogħla, ikun hemm perikolu. Għall-provista ta' misħun kull ma kien hemm kien barmil li jimlewh bil-misħun mill-*geyser* tal-*canteen* li kien erba' passi bogħod. Dal-misħun biex jintuża għat-tè (għal-liema użu kien proprjament intiż), kien irid ikun 100°. Ma kien hemm ebda termometru, jew mezz ieħor, biex titkejjel it-temperatura;

Kienet, mela, operazzjoni abbastanza sempliċi, sakemm ma jintużax misħun sħun iżżejjed. Però, li tuża misħun, li għandu jkun ta' ċertu temperatura, **bla ma kien hemm mezz fuq il-post** biex tiġi ċċekkjata t-temperatura, ifisser primitiviżmu, ġej minn leġġerezza li timplika traskuraġni. Iktar u iktar, meta tqis li l-misħun kien ġej minn *geyser* intiż għat-tè li jrid misħun jagħli, li hu d-doppju ta' sħana li hi l-massimu meħtieġa u konsentita

għall-bottijiet inkellha jkun perikoluż;

Stabbilita din it-traskuraġni, jonqos jiġi indagat jekk l-attur, f'dak ix-xogħol li għamel, kienx intriga għal ħaġa li ma kienx kapaċi għaliha, kienx xi intruż, jew jekk assoġġettax ruħu volontarjament għal xi riskju bla ma kien mitlub, b'mod li tista' ddur fuqu u tgħidlu *volenti non fit injuria;*

L-attur kien *labourer* u, skond il-*foreman* Stafrace, kien jagħmel dak li jqabbduh – għalhekk ix-xogħol speċifiku li kellu fl-operazzjoni li kienet issir kien li jillivella l-*foam;*

Però l-*ispraying,* seta' jagħmlu kulħadd u allura l-attur la (a) għamel xi ħaġa li ma kellux ħila jagħmel u (b) anqas ħa xi riskju li ma kellux jieħu għax ma kienx kapaċi għalih;

Ma jirriżultax ċar jekk l-attur ġiex imqabbad jixxejkja dawn iż-żewġ/tliet bottijiet li xxejkja. Iżda rriżulta fiż-żgur illi l-attur **ma kienx ipprojbit** li jixxejkja l-bott. L-istess xhieda Fiott *(factory manager)* u Stafrace *(foreman)* jillimitaw ruħhom filli jgħidu li **ma qabbduhx jixxejkja u mhux li għamel xi ħaġa lilu pprojbita;**

Anzi l-attur, li dak il-ħin ma kellux xogħol ieħor, wera inizjattiva, meta xxejkja l-bottijiet, zamm ruħu okkupat, anke tenut kont tal-fatt li fl-idejn dak il-ħin kien hemm biċċa xogħol ossija ordni li riedet titlesta bl-urġenza;

In vista ta' dak kollu miġjub f'din it-taqsima, l-esponent hu tal-fehma li s-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni mġarrba mill-attur;

Id-danni jidher li huma limitati għal dawk riżultanti minn diżabilità permanenti. Ma ġewx avanzati pretensjonijiet oħra;

L-esponent medika Prof. V. G. Griffiths fl-annessa relazzjoni tiegħu stabbilixxa grad ta' diżabilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%);

Meta ġara l-inċident, l-attur kellu 32 sena. Xieraq għalhekk lil nieħdu *multiplier* ta' 20 sena meta wieħed iqis li l-ħajja lavorattiva ta' dal-bniedem għandha twassalna sal-61 sena jiġifieri xi 28/29 fuq l-inċident;

Bħala *labourer,* l-attur kellu l-paga minima *plus bonus.* Tenut kont tat-tul tal-*multiplier* u t-tendenza li l-qliegħ jogħla *in money terms,* l-esponent ser jibbaża l-kalkolazzjonijiet tiegħu fuq qliegħ settiminali ta' Lm45;

Mela niġu għas-segwenti:

10% (Lm45 f.g. x 52 g x 20 sena) = Lm4680;

Tnaqqis soltu ta' 20% minħabba l-*lump sum payment* ifisser li s-somma msemmija trid tiġi ridotta b'Lm936 u ssir Lm3744;

Il-konvenuti *nomine* għandhom mela jħallsu bħala danni lill-attur is-somma ta' **Lm3744** – somma li fiha nnifisha hi *quantum* adegwat;

Illi l-esperti mediċi addizzjonali, Mr. Victor P. Amato u Mr. Charles J. Grixti, wara li rrieżaminaw il-każ irrelataw li ma kinux iħossu li għandhom ivarjaw il-figura ta' 10% (għaxra

fil-mija) diżabilità permanenti li kien wasal għaliha l-ewwel espert medika l-Professur Victor G. Griffiths;

Il-Perit legali addizjonali Dottor Joseph Ciappara rrelata li jaqbel sostanzjalment mal-likwidazzjoni li għamel l-ewwel Perit Legali Dottor Joseph Micallef Stafrace, però in vista ta' ċerti żviluppi li kien hemm fil-ġurisprudenza tagħna, kien jidher xieraq li l-ammont likwidat jiġi awmentat. Dottor Ciappara effettivament irrelata testwalment hekk:

1. "Ibda biex hemm il-fattur ta' dewmien. Din iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fis-16 ta' Settembru 1982, u, wara li għaddew iktar minn erba' snin, l-attur għadu ma ħa l-ebda ħjiel ta' kumpens;

2. Dan il-fattur jista' jolqot it-tnaqqis solitu ta' 20% għal dak li hu *lump sum payment*. Infatti, kien hemm deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fejn minħabba ċertu dewmien dan it-tnaqqis ta' 20% ma ġiex akkordat. Hemm id-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Zammit *vs* Bezzina** (19-9-1973), **Apap *vs* Degiorgio** (16-1-1984) u **Eder *vs* Bajada** (29-3-1985);

3. Imbagħad hemm id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti ċivili *in re* **Joseph Balzan *et vs* Louis Vella** (9-6-1986) fejn il-Qorti kkummentat b'dan il-mod wara li għamlet referenza għal deċiżjoni minnha stess ta' l-1 ta' Marzu 1985; "Il-Qorti tirrileva li minn mindu ngħatat dik id-deċiżjoni għaddiet iktar minn sena u l-indikazzjonijiet ekonomiċi juru li l-aspetti ta' awsterità kkaġonati mir-reċessjonijiet qegħdin kull ma jgħaddi ż-żmien jonqsu u ż-żamma ta' paga fissa, bla żidiet, hi x'aktarx ta' natura ekonomika u politika dettata mill-fatt li l-għadd ta' nies bla xogħol għad irid jinżel qabel ma jsir ċaqliq fil-pagi. F'Kull każ din il-

Qorti tħoss ukoll il-ħtieġa li għandha ttenni li f'kull ammont li hija tillikwida għandha tara li dan ikun wieħed li *in ultima analisi* (dovuta għal tnaqqis matematiku ta' dak li huwa wara kollox *in parte* nistħajjel u futuristiku) jispiċċa f'ammont irriżorju u irrejalitstiku. Wieħed ma jridx jinsa li l-liġi tagħna – ħdejn liġijiet ta' pajjiżi oħra – ma tantx hija waħda komplimentuża jew ġeneruża ħafna f'dak li huwa likwidazzjoni ta' danni.....*Għalhekk, wieħed ma jistax jibda jnaqqar u jnawwar* min-naħa u minn oħra u jqis kollox b'mod restrittiv.....'';

4. Imbagħad il-Qorti semmiet żewġ fatturi: (a) dik il-kawża ġiet istitwita fl-1983 (l-inċident ġara f'Diċembru 1981) u s-somma li qiegħda tiġi likwidata lill-atturi għall-ewwel darba hi biss perċipibbli mid-data tas-sentenza (9 ta' Ġunju 1986); (b) l-aħħar żvilupp fil-qasam bankarju relattivament għall-interessi *kien li sar tnaqqis ta'* punt ħamsa *(0.5% fil-mija fir*-rata tagħhom;

5. Meħudin dawn iċ-ċirkostanzi kollha bħala fatturi rilevanti b'mod partikolari l-fatti li (a) l-inċident ġara fit-23 ta' Diċembru 1981, u għalhekk ser ikun għalaq ħames snin, (b) li, kieku l-attur kellu l-opportunità li għall-inqas igawdi l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' Lm3744 illikwidata lilu mill-ewwel Perit u dan fuq il-perijodu ta' ħames snin, hu *kien ikollu interessi* ammontanti għal Lm187 (jekk bil-5%) jew Lm224 (jekk bis-6%), jidher għaldaqstant li jkun xieraq li l-ammont illikwidat jitla' għal Lm4200 li, bejn wieħed u ieħor (jekk wieħed iħares lejn figuri), hu ekwivalenti għas-somma ta' Lm4680 kif illikwidata *ab initio* mill-ewwel perit bi tnaqqis ta' 10% bħala *lump sum payment* minflok 20%;

Illi minn eżami akkurat tal-provi akkwiżiti għall-proċess

jidher li l-perit legali Dottor Micallef Stafrace għamel apprezzament tajjeb u ġust tal-provi li jirregolaw il-każ, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident in kwistjoni. Konsegwentement is-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni sofferti mill-konvenut minħabba l-istess inċident;

Illi l-ewwel espert mediku kif ukoll l-esperti mediċi addizzjonali qablu bejniethom li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur kien ilaħħaq il-figura ta' għaxra fil-mija (10%), u ma ntweriet ebda raġuni għaliex din il-Qorti m'għandhiex tadotta din il-figura għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni;

Illi din il-Qorti tikkondividi l-kummenti li għamel l-espert addizzjonali Dottor Joseph Ciappara dwar li l-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel espert Dr. Micallef Stafrace kienet sostanzjalment korretta iżda li kien hemm lok li jkun hemm awment fis-somma llikwidata minħabba ż-żewġ fatturi minnu msemmija fir-relazzjoni addizzjonali;

Din il-Qorti wkoll jidhrilha li ċ-ċirkostanza tad-dewmien biex l-attur jakkwista l-kumpens u t-telf ta' l-interessi fuq l-ammont eventwalment likwidat huma fatturi li l-ġudikant irid ġustament iżommha wkoll quddiemu meta tkun qiegħda ssir likwidazzjoni simili. Għalhekk din il-Qorti taddotta l-likwidazzjoni magħmula mill-Perit addizzjonali Dottor Ciappara, għar-raġunijiet minnu msemmija, b'mod li l-ammont li għandu jiġi likwidat lill-attur ikun ilaħħaq is-somma ta' Lm4680 (erbat elef sitt mija u tmenin lira maltija);

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi, prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine*, tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għalhekk tiddikjara lill-istess konvenuti *nomine* responsabbli għall-inċident in kwistjoni, tillikwida d-danni li sofra l-attur fis-somma ta' Lm4680 u tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* li jħallsu din is-somma ta' Lm4680 lill-attur in risarċiment tad-danni hekk illikwidati;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti *nomine*.